**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 4 - L-ERBGĦA, 8 TA' LULJU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar fis-19:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (wasal fis-19:22) |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier waslet fit-20:30 |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Rudy Dorekens | Ambaxxatur taż-żgħażagħ (wasal fis-19:15) |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Robert Anthony Piscopo | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Piscopo u Barbara kienu bagħatu jinfurmawh permezz ta' email li ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Kopja ta' email hija annessa f'A. Iċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv kienet skużata wkoll.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier Tabone ippropona biex punt numru 4.6 jinkludi li huwa kien semma li l-Kunsill għandu jieħu rimbors tal-pagi u ammonti mis-Sigurtà Soċjali. Din però m'għadditx.

2.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier A Grima biex il-kelma '*tiddaħħal*' f'para. 3.9 tinbidel għal '*tidħol*'.

2.4. Il-Kunsill approva proposta tal-Kunsillier Bugeja biex mill-ewwel linja tal-para. 5.10, jibdel il-kliem *'tad-dawl'* ma' *'Provista tal-elettriku'*.

2.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jidħol paragrafu ġdid innumerat 11.11a wara para. 11.11. bil-kliem *'Il-Kunsillier Fenech ippreżentat proposta biex tkun organizzata ġita għal Sqallija li għall-Kunsill ma kienet se tiswieh l-ebda spejjeż. Il-Kunsill qabel.'*

2.6. Il-minuti imbagħad kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

## 3. PUNTI MILL-MINUTI

3.1. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar para. 5.2. L-aġent SE wieġeb li ma kienx hemm risposta mingħand TM.

3.2. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar para. 5.6. L-aġent SE informa li kien għamel l-arranġament ma' ELC ħalli jsaqqu s-Sibt.

3.3. Il-Kunsillier A Grima irrefera għal para. 5.9 fejn esprima li l-Kunsillieri kollha kellhom ikunu infurmati bil-laqgħa.

3.4. F'dan il-ħin wasal l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ u warajh il-Viċi Sindku.

3.5. Il-Kunsillier Bugeja rrefera għal para. 5.12 u appella biex jinħatru l-persuni ħalli l-ħin tal-laqgħa jkun utilizzat aħjar.

3.6. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar para. 7.3 dwar l-istickers fejn l-Aġent SE wieġeb li waslu l-kwotazzjonijiet u lesti biex jipproċedu bl-ordni.

3.7. Il-Kunsillier A Grima irreferi għal para. 8.5 u staqsa jekk din il-memo saritx. Is-Sindku infurmat li qabel ser issir laqgħa ma' diversi *stakeholders* f'dan il-qasam u li kienet tkellmet mal-GRTU biex jippruvaw ilaqqgħu lis-sidien tan-negozji.

3.8. Il-Kunsillier Tabone irrefera għal para. 4.6 fejn appella biex il-Kunsill jagħmel dak kollu possibli biex jiġbor dak li hu dovut għall-pagi ta' ħaddiema taħt id-diversi skemi u mingħand id-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. F'dan il-ħin il-Kunsill kien infurmat li d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni kien għadhom kemm bagħtu dak li kien dovut.

3.9. Il-Kunsillier A Grima għamel riferenza għall-para. 11.11a kif ukoll għal emails li għaddew fir-rigward. Huwa appella biex il-membri tal-Kunsill jieħdu ħsieb l-interessi tal-ħaddiema tal-Kunsill u ma jpoġġuhomx f'sitwazzjoni antipatka.

3.10. Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar para. 11.5 filwaqt li s-Sindku infurmatu li ressqet talba lill-MTA biex possibilment jikkonsidraw jinstallaw is-siġġu mitlub. Il-Kunsillier Tabone ippropona li ssir talba wkoll lis-Segretarju Parlamentari Justine Caruana li hija responsabbli mill-persuni b'diżabilità.

3.11. Dwar para. 11.6 il-Kunsillier Bugeja ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm ħafna ħsarat u vandaliżmu u għalhekk xtaq jissuġerixxi li l-latrini jibdew jinfetħu biss sad-9pm. Madanakollu huwa offra li jdur is-siti biex fejn hemm min, xi sidien ta' negozji fil-viċinanzi, li lesti jieħdu ħsieb huma, jibqgħu jagħlquhom fil-11pm. Iżda jekk jibqa' jkun hemm il-ħsara allura jirrakkomanda li jinfetħu biss sad-9pm. Kien hemm qbil dwar dan.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1. Is-Sindku tat informazzjoni dwar l-inizjattiva mill-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika biex jinġabru fondi għall-MCCF għal liema inizjattiva huma mistiedna l-Kunsillieri. Din l-inizjattiva għandha l-isem ta' President's Cruise for Solidarity, b'dgħajjes li jitilqu mill-Belt sa San Pawl il-Baħar nhar it-12 ta' Lulju.

4.2. Is-Sindku infurmat li l-Ministeru responsabbli mis-Sajd se jorganizza fiera tal-ħut f'sitt lokalitajiet filwaqt li għażlu San Pawl il-Baħar biex issir waħda mill-fieri nhar l-1 ta' Awwissu filgħalixja. Il-Kunsillier Cremona esprima li ma jaqbilx mad-data magħżula għax ħass li mhux perjodu ideali għaliex huwa l-aqwa tal-istaġun. Is-Sindku wieġbet li kienet ippruvat tbiddel id-data iżda nfurmawha li dan ma kienx possibli. Ġew proposti diversi siti fejn għandha ssir din l-attivita' b'liema siti għandu jiġi nfurmat l-organizzatur.

4.3. Is-Sindku infurmat li l-Karnival tas-Sajf kien se jsir bejn it-22 u t-23 ta' Awwissu u li għaliha l-Kunsill ingħata s-somma totali ta' €3,000 mid-DLG u mill-MTA. L-applikazzjoni ġiet sottomessa tard (F'Mejju) minħabba li l-applikazzjoni, li kellha tiddaħħal sat-12 ta' Diċembru 2014, ma kinitx iddaħħlet. Il-Kunsillier Cremona informa li r-rotta kienet ġiet diskussa u se ssir laqgħa iktar 'il quddiem biex ikunu diskussi aktar dettalji.

4.4. Is-Sindku infurmat li l-permess għall-proġett tal-playing field ta' Triq l-Iskola ħareġ.

4.5. Is-Sindku infurmat li kien hemm talba minn uffiċċjal tal-Kunsill biiex taħdem bit-teleworking. Il-Kunsill qabel li jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Aġent SE li kien qiegħed jirrakkomanda favur it-talba.

4.6. Is-Sindku ppreżentat talba mill-Qawra Leap Centre, permezz ta' email bid-data tat-3 ta' Lulju biex il-Kunsill jawtorizza proġett mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat li jinkludi tpinġijiet fuq il-ħitan tat-taraġ biex jippromwovi l-volontarjat. Il-Kunsill qabel.

4.7. Dwar talba mis-Soċjetà Mużikali San Pawl biex il-Kunsill jikkollabora f'attività il-Kunsill qabel li jikkollabora b'baġit ta' mhux aktar minn €200. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku għandha tikkomunika mal-għaqdiet tal-lokal biex jgħidu lill-Kunsill x'attivitajiet se jkollhom matul is-sena li ġejja ħalli l-Kunsill ikun jaf minn qabel fiex jista' jkun involut.

4.8. Is-Sindku tkellmet dwar il-problema minn xi residenti dwar il-ħruġ tal-iskart mhux kif suppost. Kien hemm qbil li għandu jkun formulat avviż bid-dettalji li jiġi mqassam fil-lokalita'.

4.9. Il-Kunsill kien infurmat li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart kien se jagħlaq f'Awwissu. Għalhekk kien meħtieġ li toħroġ sejħa għall-offerti. Kien hemm qbil li jkun hemm il-possibilità li kuntrattur jitfa kemm offerta globali kif ukoll fuq żoni separati. Il-Kunsillier Tabone talab li l-vetturi jkunu ta' livell Euro V jew aħjar.

4.10. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Fenech ħarġet mill-kamra.

4.11. Il-Kunsill qabel ukoll li f'dan l-istadju jestendi l-kuntratti eżistenti b'sitt xhur. Saret enfasi wkoll fuq il-bżonn li l-Kunsill jinsisti fuq id-dixxiplina fis-servizz.

4.12. Is-Sindku talbet lill-Kunsill japprova li l-uffiċċju tagħha jingħalaq minħabba li fil-preżent qiegħed kompletament miftuħ. Dan billi jsir ħajt tal-aluminium u ħġieġ b'bieb jissakkar. Kien hemm qbil dwar dan.

4.13. Il-Kunsillier Bugeja informa li kien hemm talba mis-sid tal-gabbana ta' fejn Ġnien Olimpiku biex il-Kunsill joħroġ in-no objection tiegħu biex jispostja l-gabbana, ,jieħu parti mill-parkeġġ biex ipoġġi l-gabbana, imwejjed u siġġijiet u jimmodifika l-mod kif jipparkjaw il-vetturi.

4.14. F'dan il-ħin daħlet lura l-Kunsillier Fenech.

4.15. Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm każ ta' oġġezzjoni għal dan.

4.16. Il-Kunsillier D Grima tkellem fuq ir-regolamenti tal-gabbani.

4.17. Il-Kunsillier Tabone saħaq li l-Kunsill għandu joħroġ in-no objection tiegħu suġġett però għal permessi oħra li jkunu meħtieġa.

4.18. Is-Sindku semmiet li l-importanti kien li ma jintilifx parkeġġ. Hija ipproponiet li l-Kunsillier D Grima jikseb aktar informazzjoni possibilment fi żmien ġimgħa u skont il-każ wieħed jaġixxi. Kien deċiż ukoll li l-Kunsillier D Grima jiltaqa' fuq il-post mal-Kunsillier Bugeja.

4.19. F'dan il-ħin waslet il-Kunsillier Buhagiar.

4.20. Il-Kunsillier Cremona talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:30.

5. **RAPPORTI FI:NANZJARJI**

5.1. Kien ippreżentat ir-rapport finanzjarju sal-aħħar ta' April kif ukoll l-indikaturi għat-tieni kwart tas-sena mis-Sinj. Perici Ferrante, Accountant.

5.2. Il-Kunsillier A Grima semma li ma qabilx li ammonti ta' flus possibilment dovuti inqatgħu bħala *bad debts.* L-Accountant infurmat li dak huwa skont kif talbu l-Awdituri.

5.3. L-Accountant infurmat li saret taf ftit tal-ħin qabel li l-ammont dovut lill-Wasteserv sas-sena l-oħra tħallsu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u għalhekk il-Kunsill għandu madwar €97,000 inqas x'jagħti. Dan wassal għalhekk biex l-indikatur niżel għal -24%.

5.4. Il-Kunsillier Grima staqsa wkoll jekk il-Kunsill hux qiegħed jiġri wara d-debituri. Ir-risposta kienet fil-pożittiv.

5.5. L-Accountant infurmat ukoll li kienu daħlu l-ammonti dovuti għall-ħaddiem tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

5.6. Is-Sindku semmiet li l-Kunsill rċeva kontijiet li ma kinux inklużi meta ġie mħejji r-rapport finanzjarju.

5.7. Wara dan l-Accountant infurmat li se temenda l-indikaturi sabiex jirriflettu l-ammonti li tnaqqsu ta' Wasteserv u l-kontijiet li ma kinux ġew inklużi.

6. **APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI**

6.1. L-Aġent SE ressaq il-lista ta' kontijiet pendenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

6.2. Il-Kunsillier A Grima ġibed l-attenzjoni tal-kontijiet ta' Mica Med fejn esprima li b'dan il-mod wieħed ma setax ikun hemm kontroll fuq il-bozoz u għalhekk

għandu jkun hemm indikazzjoni dwar liema bozoz qed jirreferi għalihom. Is-SE ikkonferma dan u żied illi l-Kunsill għandu problema bin-nuqqas ta' kontrolli f'dan ir-rigward u li hija ġejja l-aktar għall-fatt li l-Kunsill lanqas għad għandu Inġinier fuq ix-xogħol tal-bozoz.

6.3. Il-Kunsill imbagħad approva li jsiru l-ħlasijiet skont il-lista ta' kontijiet annessa f'B.

## 7. MOZZJONI DWAR L-ISKATE PARK

7.1. Kienet imressqa mozzjoni proposta mill-Kunsillier A Grima li kienet issekondata mill-Kunsillieri Tabone, Bugeja, Buhagiar u Cremona (il-Kunsillier kien laħaq telaq mil-laqgħa iżda kien firmatarju fuq il-mozzjoni). Din il-mozzjoni inqrat mis-Sindku.

7.2. Is-Sindku ressqet zewg emails dwar l-iskate park mill-Pulizija kif ukoll petizzjoni mir-residenti kontra l-iskate park. Kopja tal-emails u l-petizzjoni ngħatat lill-Kunsillieri li xtaquha.

7.3. Tkellem l-Ambaxxatur Dorekens li qal li l-Ispettur Godwin Scerri, li bgħat għalih, kien gideb.

7.4. Il-Kunsiller A Grima saħaq li l-Kunsill għandu jirranġa l-faċilitajiet għaż-żgħażagħ filwaqt li jkunu mħarsa r-residenti.

7.5. Saret kritika għall-fatt li l-iskate park kienet saret ftit qabel l-elezzjoni bl-għaġġla mingħajr ma ntalbu l-permessi neċessarji, fuq art li m'hijiex tal-Kunsill u bi spejjeż tal-Kunsill. Il-Kunsillier Tabone però saħaq li kull ma kien sar kien biss tindif, saret art tal-konkos u *fencing* biex ma jkomplix jintefa ħmieġ.

7.6. Il-Kunsillier Buhagiar insistiet li l-postijiet għaż-żgħażagħ huma limitati u l-Kunsill għandu jtejjeb fuqhom.

7.7. Is-Sindku semmiet li permezz tal-Qawra LEAP Centre qiegħdin jiġu offruti diversi servizzi għaż-żgħażagħ per eżempju bħal Youth Cafe.

7.8. Il-Kunsillier Tabone żied li hemm maħsub kumpless sportiv.

7.9. L-Ambaxxatur Dorekens saħaq li l-istorbju kien ġej mill-bars u mhux mill-iskate park u staqsa għaliex dawn l-ilmenti kollha fuq l-iskate park u mhux fuq il-bars?

7.10. Meta saret riferenza għal allegazzjonijiet ta' sejbin ta' oġġetti relatati ma' abbuż, il-Kunsillier A Grima ressaq *point of order* għaliex saħaq li dak li ssib ma jirriflettix xi jsir miż-żgħażagħ li jiffrekwentaw il-post u kompla li jkun l-ewwel wieħed li jressaq mozzjoni kontra l-iskate park jekk jirriżulta li jkun hemm abbuż.

7.11. Il-Viċi Sindku saħaq li l-problema kienet ġejja mill-fatt li dan l-iskate park twelled ħażin mill-Kunsill preċedenti. Kompla li ħadd mhu kontra l-faċilitajiet għaż-żgħażagħ iżda tenna li sar żball u issa l-Kunsill preżenti qiegħed jiffaċċja problema ma' wiċċu. Il-Viċi Sindku informa li jidher li saħansitra hemm problema anki biex issir applikazzjoni DNO.

7.12. Il-Kunsillier D Grima informa li kien kellem lill-kap tal-uffiċċju tad-DNO fil-MEPA u jidher li dan l-uffiċċju huwa konxju mill-ilmenti tar-residenti u li dan ifisser li l-possibiltà li jkun approvat id-DNO ikun minimu ħafna. Fakkar ukoll li f'dan il-każ DNO issir biss għal struttura temporanja. Il-Kunsillier A Grima ddikjara li dwar dan kellu pariri differenti.

7.13. Il-Kunsillier Joseph Vella saħaq li m'għandu xejn kontra jekk kollox ikun b'konformità mal-liġi. Huwa qal ukoll li ma kellux ċans jerġa jmur fuq il-post.

7.14. Il-Kunsilliera Bezzina saħqet li f'dan kollu l-Kunsill ma jistax jinjora lir-residenti.

7.15. Il-Kunsillier Fenech wissiet li l-Kunsill irid joqgħod ferm attent li ma jmurx japplika u ma joħroġx il-permess.

7.16. Meta kien mistoqsi l-Kunsillier Tabone ddikjara li ma kienx jaf min kien għamel il-*meter* tad-dawl fil-kamra u l-floodlights biswit l-iskate park. Is-Sindku qalet li l-Ambaxxatur Dorekens kien infurmaha li l-floodlights gew imqabbda mal-meter tad-dawl mill-Kunsill.

7.17. Minħabba li f'dan il-ħin l-Ambaxxatur Dorekens beda jagħmel allegazzjonijiet fuq persuni barra mil-laqgħa, fosthom is-Supretendent Bayliss, għaliex saħaq li gidbu, l-Kunsilliera Fenech tagħtu l-parir biex ma jsemmix ismijiet.

7.18. F'dan l-istadju s-Sindku ipproponiet emenda għall-mozzjoni.

7.19. Il-Kunsillier A Grima ressaq point of order għaliex dehrlu li l-emenda kienet qed tbiddel b'mod drastiku l-mozzjoni oriġinali u għalhekk mhux permess. F'dan l-istadju l-Aġent SE ikkwota l-artiklu 15(6) tal-liġi li jitkellem dwar l-emendi għall-mozzjonijiet. Dan l-artiklu jgħid li emenda ma tistax tinnega mozzjoni. Huwa dehrlu li, minkejja ż-żidiet fil-mozzjoni permezz tal-emenda, l-emenda nnifisha ma kinitx qed tinnega l-mozzjoni.

7.20. Il-Kunsill imbagħad għadda biex jivvota fuq il-mozzjoni kif emendata li għaddiet b'sitt voti favur u erbgħa kontra.

7.21. Kopja tar-riżoluzzjoni mgħoddija hija annessa f'Ċ.

8. **AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

8.1. Minħabba li kien sar il-ħin (l-22:00) is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill riedx li jkompli bil-laqgħa wara l-ħin stabbilit. Il-Kunsillieri Bugeja, Buhagiar u Tabone però ma qablux li titkompla l-laqgħa u għalhekk il-laqgħa kellha tkun aġġornata.

8.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa l-5 ta' Awwissu 2015 fis-7pm.

| | |
|---|---|
| *(iffirmati)* | *(iffirmati)* |
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**A**

**Gatt Paul at DLG**

| | |
|---|---|
| **From:** | Matthew Barbara <[redacted]> |
| **Sent:** | 07 July 2015 13:36 |
| **To:** | Gatt Paul at DLG |
| **Subject:** | Hospital |

Dear Paul ghada minnix gejj ax sa ikun ijat lisptar

**Gatt Paul at DLG**

| | |
|---|---|
| **From:** | San Pawl il-Bahar Local Council at DLG |
| **Sent:** | Wednesday, July 8, 2015 12:43 PM |
| **To:** | Graziella Council Galea; Gatt Paul at DLG |
| **Subject:** | FW: Attendenza laqgha tal- illejla |

**From:** Dr. Robert Piscopo [mailto:[redacted]]
**Sent:** 08 July 2015 12:39
**To:** San Pawl il-Bahar Local Council at DLG
**Subject:** Attendenza laqgha tal- illejla

Ghaziz Segretarju Ezekuttiv,

Nispera li tinsab tajjeb.

Nixtieq ninfurmak illi illejla ma nistghax nattendi ghal laqgha tal-Kunsill peress illi ghandi membru tal-Familja l-Isptar bil-Grizma.

Nixtieq illi tiskuzani ghal assenza tieghi.

Tislijiet,

Dr. Robert Piscopo
Advocate / Partner
www.piscopoadvocates.com